L-Università ta' Malta
Ġ.F. Abela Junior College

# BOOKMARK

The Junior College Library Newsletter




OCT/NOV - ISSUE 21 - 2019



# CONTENTS


- **Editor's Note** *3*
- **Feature** : William Shakespeare on Great Britan stamps *4*
- **Recent Accessions** 7
- **Book Clubs** : Tal-Kotba 8
- **Tips & Tricks** 9
- **Feature:** L-Istitut Kulturali Malti u sehem l-orkestra tal-kulleġġ : l-ewwel parti 10
- **Librarian's Choice** 14
- **Fiction** : Silta mir-rumanz '*Mas-Sbieħ id-Dlam'* ta' Wayne Farrugia 15
- **Rokna Poeti** 18



BUZZER

STATIONERS • PUBLISHING • ANIME • MANGA

# EDITOR'S NOTE

*Dear Readers,*

We welcome you once again at the start of a new academic year. Some of you are now more seasoned students, whilst others are brand new to Junior College.

Here at JC Library you are welcomed to come and study, finish off your assignments or else enjoy a good book in a cosy corner. However, the Library is not only about books. Book clubs are held within the Library and this year we welcome again both the Maltese book club Tal-KOTBA and also the English Book Chat Club.

Need some inspiration for the SOK Project? Browse along our shelves for ideas, you never know when serendipity will strike!

Impress your lecturer by using key terms and ideas in your assignments. Our library has quite a good number of "starter" books. These books are not only easy to read but also explain terms and ideas in a few sentences. These books will be your new best friends!

In this issue of BOOKMark we have something for everyone's tastes. From depictions of Shakespeare on stamps; fiction and poetry and also an interesting article about the Malta Cultural Institute and its relationship with the Junior College Orchestra. All this apart from the usual Tips & Tricks, Recent Accessions and Recommendations!

See you at the Library!

*JC Library Team*

**JC Library Opening Hours :**

Monday to Friday 7am to 4pm

**Contact us :** juniorcollege.lib@um.edu.mt

**Follow us on :** www.facebook.com/uom.jclibrary/

OAR@UM
Open Access Repository

Like us on: facebook



# William Shakespeare

## on Great Britain stamps

Since 1840, when the Penny Black featured a profile of Queen Victoria, it has been a tradition worldwide for nations to honour individuals on their postage stamps. Typical choices include monarchs, important figures of history, politicians, cultural leaders, and celebrities. The usual practice is for the stamp to feature a portrait of the person, either full-length or head alone. In a few cases, the person being honoured is represented by an image relating to the person's life and work. (List of people on postage stamps, 2018)

Various authors and their works have been featured on their respective country's stamps and some have even featured on other countries' stamps.

The UK's Royal Mail has honoured among others, Jane Austen, Charles Dickens, Lewis Carroll, Roald Dahl and JK Rowling, but has refrained from depicting the authors themselves. (Dugdale, 2015) In fact William Shakespeare is the only exception to this rule, and he has been depicted more than once on stamps.




William Shakespeare was the first 'non royal' personality to be featured on a British stamp. The set of stamps was issued in 1964 marking the 400th anniversary of the death of the poet. David Gentleman's designs were the subject of controversy primarily because Shakespeare's head was depicted larger than the Queen's! ... But the Queen took an instant liking to the designs, describing them as "striking and of high quality." (1964: Shakespeare – the first 'non royal' on a British stamp, 2016)




Shakespeare was again depicted on the Australian Bicentenary stamps issued in 1988. In the 34p stamp Shakespeare joins John Lennon, the Sydney Opera House and the Sydney Harbour Bridge on a stamp reflecting the continuing links between Australia and Britain through the performing arts. (William Shakespeare on stamps, 2010)




A 25p stamp was issued in 1995 to commemorate the opening of the replica Globe Theatre on London's South Bank. Apart from showing Shakespeare himself in front of the building (in the lower left corner of the stamp) the stamp includes characters form his plays. (Hutchisson, n.d.)




In 2006 Shakespeare’s portrait was one of 10 portraits of well-known Britons to appear on the stamps marking the 150th Anniversary of the National Portrait Gallery. The portrait is attributed to John Taylor.

In 2011 a four-stamp miniature sheet designed by Hat-trick features the RSC's theatres in Stratford-upon-Avon, a collage based upon the concept of the individual theatre’s stage, including actors and theatrical scenery. (Royal Shakespeare Company, 2011)




A portrait of Shakespeare was further featured on two commemorative air-letter sheets (aerogrammes) issued for the Shakespeare Festival bearing a 6d premium. The one shown below were cancelled on the First day of issue (23 April 1964) and depict the Royal Shakespeare Theatre at Stratford.







A lot of his other plays were featured individually on stamps, some depicting life images of theatrical productions, others characters from his plays and others depict quotes from his works. These will be covered in future issues of the BOOKMark.

# Stamp Philatelic Details

## 1964 (April 23)

Designed by David Gentleman the stamps were photogravure-printed by Harrison & Sons Ltd. and perforated 15 x 14. Each of the four low values depict a 16th-century set from one of Shakespeare’s plays. In contrast, the 2s6d was the first commemorative since the £1 Postal Union Congress stamp of 1929 to be line-engraved.

## 1988 (June 21)

These set of four stamps was a joint issue with the Australian postal authorities issued to commemorate The Australian Bicentenary. The stamps were designed by Garry Emery and printed by The House of Questa on Gum PVA Dextrin paper and perforated 14.5 x 14.5.

## 1995 (August 8)

The UK Royal Mail issued a set of 5 stamps featuring open theatre to mark the Reconstruction of Shakespeare's Globe Theatre. One of the 25p stamps features Shakespeare and characters form his plays. The stamps were designed by C. Walter Hodges, offset-lithograph printed by Walsall Security Printers on Gum PVA paper and perforated 14.5 x 14.

## 2006 (July 18)

The portrait of Shakespeare from the National Portrait Gallery was featured in one of the ten stamps designed by Peter Willberg. The stamps were gravure printed by De La Rue Security Print on Gum PVA paper and finished with 14 x 14 perforations

## 2011 (April 12)

The Royal Shakespeare Company (RSC) stamps highlight six productions from the past five decades, reflecting the wide range of work produced by the company. The productions featured six of Shakespeare's plays. While a four-stamp miniature sheet features the RSC's theatres in Stratford-upon-Avon. The stamps and miniature sheet were designed by Hat-trick Design and gravure printed by Walsall Security Printers, on Gum PVA paper with 14.5 x 14.5 perforations.

# Bibliography

*1964: Shakespeare – the first 'non royal' on a British stamp*. (2016, 03 17). Retrieved from Stanley Gibbons: https://www.stanleygibbons.com/blog/1964-shakespeare-the-first-non-royal-on-a-british-stamp/

Dugdale, J. (2015, 04 10). *Stamp duty: why does the UK commemorate so few writers?* Retrieved from The Guardian: https://www.theguardian.com/books/2015/apr/10/stamp-uk-commemorate-few-writers

Hutchisson, J. M. (n.d.). *Books and Authors on Postage Stamps*. Retrieved from Philately: http://faculty.citadel.edu/hutchisson/Pages/Stamps%20Revised.htm

*List of people on postage stamps*. (2018, 06 15). Retrieved from Wikipedia, the free encyclopedia: https://en.wikipedia.org/wiki/List_of_people_on_postage_stamps

*Resources for Collecting British Stamps*. (n.d.). Retrieved from CllectGBStamps: https://www.collectgbstamps.co.uk/

*Royal Shakespeare Company*. (2011, 04 12). Retrieved from CollectGBStamps: https://www.collectgbstamps.co.uk/explore/issues/?issue=22592#collectgbstamps-14

*William Shakespeare on stamps*. (2010, 04 23). Retrieved from The British Postal Museum & Archive blog: https://postalheritage.wordpress.com/2010/04/23/william-shakespeare-on-stamps/

*Mark Anthony Poulton is a Sen. Assistant Librarian at the Junior College Library*



# Recent Accessions




After Ever Happy
by
Anna Todd




Nismagħhom jgħidu

by

Joe Friggieri




Misery

by

Stephen King




Kitchen Chemistry

by

Ted Lister &
Heston Blumenthal




Malta in World War
II : wartime drawings
by Alfred Gerada
(1895-1968)
by
Albert Ganado




The Malta letters : the
history of Malta in 10
letters

by

Robert Attard

HyDi
Hybrid Discovery

One Stop Search
through all the Library's
print and online resources

BOOK CLUBS




TAL-KOTBA għandu l-għan li jinstiga diskussjoni dwar il-kotba u kull ħaġa marbuta mal-kotba bħal films u mużika. Għandu l-għan li jiskomoda u jistaqsi dak li mdorrijin bih. Għal siegħa waħda biss. Hekk kif inżuru tal-ħaxix u tal-ħobż, inżuru TAL-KOTBA. Aħna, TAL-KOTBA. Daqshekk sempliċi. Aħna naqraw, aħna nisimgħu, aħna niddiskutu, aħna noħolqu.

TAL-KOTBA huwa klabb organizzat mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Librerija tal-Junior College bl-appoġġ sħiħ tal-Għaqda tal-Malti - Università u Buzzer Stationers. Il-laqgħat jitmexxew minn Ms Leanne Ellul u miftuħa għall-istudenti kollha.

# USEFUL GOOGLE SEARCH TIPS

Helping you to research effectively using Google Search Box

| | |
|---|---|
| **Specific Phrase** | Use quote marks to search for a specific phrase. Rather than just typing affiliate marketing your will type - "affiliate marketing" |
| **Exclude Words** | You may want to research a topic but exclude a term in your search. Use the minus(-) sign in front of the word you want to exclude:- affiliate marketing -merchants |
| **Site Specific Search** | If you wanted to search a site for a particular topic but they don't have a search button you can do a site specific search through google "affiliate marketing" site:paidonresults.com |
| **Similar words or synomyms** | When you decide to carry out a search you may want to include synonyms or similar words. You do that by using the tilde (~) sign immediately infront of the search word e.g. ~clothing facts This will also reveal costume facts |
| **Specifc Document Types** | This is a great technique if you want to search for a particular document type eg PowerPoint . "affiliate marketing" filetype:ppt |
| **This OR That** | When searching Google looks for all terms specified in the search. If you want one or more terms to match use an OR modifier - affiliate marketing OR internet marketing |
| **Numeric Ranges** | To find some results that contain a range of numbers use the X..Y modifier. Suitable for years, prices or anywhere you want a series of numbers. american presidents 1920..2000 |
| **Calculator** | You don't have to call up a calculator - you can just type directly into the search bar. 1475*13.5 |
| **Word Definitions** | If you want to find the meaning of a word you can use the define command define:affiliate marketing |
| **Blog Information** | If you want to find out what blog writers are talking about in a specific area you can do so stress management:blogs |
| **Up-To-Date Information** | If you want to know what the weather is or the time is in a particular area there is no need to search particular sites. Just type what you want to know in search bar. time in New York |
| **Compare & Similar Items** | Compare items with "better than" and similar items with "reminds me of" e.g. "better than Digg" "reminds me of the Beatles" or "sounds like Coldplay" Be creative - you may turn up some very interesting information |

Source: Google.com and hubspot.com

Created by B Ireland-Symonds

# L-Istitut Kulturali Malti u sehem l-orkestra tal-kulleġġ : l-ewwel parti

## Fl-okkażjoni tas-70 sena mit-twaqqif tiegħu

Fl-aħħar erba' edizzjonijiet tal-*BOOKmark*, in-*newsletter* elettronika maħruġa mil-librerija tal-kulleġġ, laqqajtkom mal-innu uffiċjali, kemm tal-Università ta' Malta, kif ukoll ta' 'Ġan Franġisk Abela' Junior College, li jifforma parti minn dil-istuzzjoni terzjarja. Rajna kif il-versi tiegħu huma ta' Albert M. Cassola, filwaqt li l-mużika hi ta' Mro. Carmelo Pace, li din s-sena kienet il-25 anniversarju minn mewtu. Dis-sena se nitkellem fuq l-Istitut Kulturali Malti f'għeluq is-sebgħin sena ħajja tiegħu, u l-kunċerti kollha li l-orkestra tal-kulleġġ ilha tagħti sa mill-2005

L-Istitut Kulturali Malti twieled fuq inizjattiva tal-Professur Gaston Tonna Barthet (1905-87) bil-għan li jippromwovi l-attivitajiet tal-Maltin fl-oqsma kulturali kollha possibbli: il-mużika permezz ta' kunċert vokali u strumentali mill-orkestra u l-kor imwaqqfin apposta; l-arti permezz ta' wirjiet minn artisti lokali; it-teatru permezz ta' reċti drammatiċi; id-danza permezz ta' wirjiet minn ċirku taż-żfin klassiku; il-letteratura permezz ta' konferenzi minn kelliema Maltin u barranin; ix-xjenza permezz tal-kontribut li jagħtu l-osservatorju meteoroloġiku u l-astronomija. Fit-2 ta' Jannar tal-1949 Tonna Barthet ippresieda laqgħa fl-uffiċċju tal-Onor. Ministru Dr. Godwin G. Ganado (1910-64) li fiha spjega l-importanza li jitwaqqaf daċ-Ċirku Malti biex b'hekk jingħata bidu għall-attivitajiet mhux akkademiċi fost il-faxex kollha tas-soċjetà Maltija. Dil-idea tant intogħġbot minn dawk interessati, li f'temp t'inqas minn xahrejn, il-Kumitat Organizzattiv, magħmul minn professuri universitarji, ħabbar pubblikament li kien se jagħti bidu għall-attivitajiet varji tiegħu. L-inawgurazzjoni uffiċjali saret fil-15 ta' Frar tal-istess sena, b'kunċert inawgurali fil-ballroom tal-Lukanda 'Phoenicia', il-Furjana. Tajjeb ngħidu hawnhekk, li l-pjanu l-kbir l-iswed tad-ditta Blüthner, li llum il-ġurnata hemm iżżejjen il-palk tal-kulleġġ tagħna waqt xi attività mużikali organizzata mill-MCI, kienet żanżnitu l-pjanista brava Tessie Briffa Mackin waqt kunċert li hi tat fis-26 ta' Jannar 1951. Dil-pjanista kienet studjat f'Londra, fejn hemmhekk daqqet f'ħafna kunċerti tar-Royal College of Music

Fil-kunċert inawgurali tal-MCI ġewwa l-Phoenicia, li kien taħt il-patroċinju distint tal-E.T. il-Gvernatur Francis Campbell Ross Douglas (1889-1980) u tal-Ministru tal-Edukazzjoni, akkumpanjati min-nisa tagħhom, kienet daqqet għall-ewwel darba 'The Mozart Amateur String Orchestra' taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmelo Pace, li kien ukoll il-fundatur tagħha. Hija daqqet tliet biċċiet: 'Themes from Master Singers' (Wagner), 'Minuet from 'Don Giovanni' (Mozart) u 'Polonaise' (Pace). Għall-bidu tagħha, l-orkestra kellha lis-Sinjura Mary Magri bħala prim vjolin. Il-programm, maqsum f'żewġ partijiet, kien imżewwaq ġmielu u fih ħadu sehem għadd ta' kantanti stabbiliti li għannew siltiet minn opri magħrufin, akkumpanjati mill-pjanisti Bisazza Pitrè, Pandolfino, u Mro. Giuseppe Camilleri. Bice Herrera daqqet biċċtejn ta' Beethoven u Kreisler fuq il-vjolin, filwaqt li l-pjanisti Eileen Fiorini u Connie Muscat daqqew Liszt u Chopin rispettivament.


Inauguration Concert

of the

Malta Cultural Institute

at the

Hotel Phoenicia

on

February 15th, 1949

under the distinguished patronage

of

H.E. the Governor and Lady Douglas

and the

Hon. the Minister for Education and Mrs. G.G. Ganado

Sa mit-twaqqif tiegħu, l-MCI ilu jorganizza disa' kunċert varji kull staġun teatrali bejn Ottubru u Ġunju. L-orkestra tal-kulleġġ tagħna ilha tieħu sehem fihom sa mill-2005, fejn ġieli kien ikun fiha mhux anqas

[1] Inkitbet fl-1930. Oriġinarjament għal pjanu u orkestra *da camera*. Aktar tard, l-istess xogħol kien ġie arranġat għal vjolinċell u pjanu

minn 45 mużiċist; kien hemm żmien ukoll fejn qabżet il-50 ruħ. Fl-ewwel parti ta' dal-artiklu se nitkellem fuq l-ewwel ħames kunċerti orkestrali li jiena dderiġejt, tnejn minnhom bil-Euro Academy Youth Orchestra, li parti sewwa mill-membri tagħha kienu wkoll fl-orkestra tal-kulleġġ. Dak iż-żmien, il-kunċerti kienu jinżammu kull nhar ta' Tnejn filgħaxija fil-Casino Maltese, fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. Il-kunċert Nru 01 tat-Tnejn, 7 ta' Novembru, 2005 kien jikkonsisti f'mużika *da camera*, fejn ħadu sehem biss uħud mill-aqwa mużiċisti li l-orkestra kienet tippossiedi, u li fih kien ħa sehem ukoll kwartett tas-sassofoni. Kunċerti Nri 02 u 03 tat-Tnejn 6 ta' Frar u t-Tnejn 12 ta' Diċembru, 2006 ittellgħu bis-sehem tal-EAYO, fejn fl-ewwel wieħed kienet ħadet sehem ukoll l-arpista Esmeralda Galea Camilleri, filwaqt li fit-tieni wieħed, bl-isem ta' 'A Prelude to Christmas', ħa sehem ukoll il-kor ta' 'Marie Thérèse Vassallo Voice Studio'. Kunċert Nru 4 tat-Tnejn, 7 ta' Mejju, 2007 ra mill-ġdid il-parteċipazzjoni ta' l-aħjar elementi orkestrali tal-kulleġġ, flimkien ma' 'The Berlioz Saxophone Quartet'. Fl-istess kunċert tnieda wkoll ensemble vokali ġdid bl-isem ta' 'MużiKanti', immexxi minn Marie-Thérèse Vassallo. L-orkestra sħiħa tal-kulleġġ reġgħet daqqet fil-kunċert Nru 05 tat-Tnejn, 3 ta' Diċembru tal-istess sena, u li fih kienu ħadu sehem ukoll ħames kantanti femminili.

| | Sena | Xahar | Jum | Staġun MCI | Post | Lokalità | Orkestra |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |
| 01 | 2005 | 11 | 07 | It-tieni | Casino Maltese | Valletta | JCO |
| 02 | 2006 | 02 | 06 | Il-ħames | | | EAYO |
| 03 | | 12 | 12 | It-tielet | | | |
| 04 | 2007 | 05 | 07 | It-tmien | | | JCO |
| 05 | | 12 | 03 | It-tielet | | | |










| 01: Programm tat-Tnejn 7 ta' Novembru 2005 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-Ewwel Parti | | | It-Tieni Parti | |
| Titlu | Kompożitur | | Titlu | Kompożitur |
| | | | | |
| Maltesina | C. Pace | | Five Song From 'Album für Yan' | M. Pirotta |
| Concerto I 'La Primavera' | A. Vivaldi | | My Lord Willoughby's Welcome Home | J. Dowland |
| Romance | E. German | | Capriccio | M. Giuliani |
| Cold Coffee* | U. Nehls | | Lagrima | F. Tarrega |
| Morning Mood* | E. Grieg | | Eclogue | F. Liszt |
| Harlem Nocturne | E. Hagen | | Serenade No. 10 | V. Persichetti |
| | | | Fantasy in C minor | L. Spohr |
| | | | Hit The Road Jack | P. Mayfield |

[2]Iż-żewġ xogħlijiet li ndaqqew minn dal-kwartett huma mmarkati bl-istilla (*). Ara tabella Nru 1.
[3]Euro Academy Youth Orchestra.
[4]Fejn ħadu sehem il-vuċijiet solisti u l-kor ta' Vassallo huma mmarkati bl-istilla (*). Ara tabella Nru 3.
[5]Għall-ismijiet tal-istudenti ara t-tabella t'isfel nett.

| 02: Programm tat-Tnejn 6 ta' Frar 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-Ewwel Parti | | | It-Tieni Parti | |
| Titlu | Kompożitur | | Titlu | Kompożitur |
| | | | | |
| Euro Academy Hymn | M. Pirotta | | Wedding March | F. Mendelssohn |
| Vltava | F. Smetana | | Un Tesoro Musicale | N. Montebello |
| Minuet and Trio | J. Haydn | | Romance | R. Schumann |
| Conquest of Paradise | Vangelis | | The Sleigh Ride | W. A. Mozart |
| Music for the Royal Fireworks | G. F. Handel | | Sicilienne | G. Fauré |
| In Memoriam | M. Pirotta | | Minuet No. 2 | C. Pace |
| Concerto in B*b* for Harp and Orchestra | G. F. Handel | | Fatinitza March | F. von Suppé |

| 03: Programm tat-Tlieta 12 ta' Diċembru 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-Ewwel Parti | | | It-Tieni Parti | |
| Titlu | Kompożitur | | Titlu | Kompożitur |
| | | | | |
| Euro Academy Hymn | M. Pirotta | | Melodies from Messiah | G. F. Handel |
| The Sleigh Ride K.605/3 | W. A. Mozart | | The Sacred Hour* | A. W. Ketèlbey |
| Wedding March | F. Mendelssohn | | Ave Verum* | W. A. Mozart |
| Dance of the Tumblers | N. Rimsky-Korsakoff | | Sanctuary of the Heart* | A. W. Ketèlbey |
| Triumphal March | S. Prokofiev | | Ave Maria* | P. Mascagni |
| The Second Waltz | D. Schostakovich | | 3 Songs for Christmas | Traditional |
| Fatinitza March | F. von Suppé | | Christmas March | M. Pirotta |







| 04: Programm tat-Tnejn 7 ta' Mejju 2007 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-Ewwel Parti | | | It-Tieni Parti | |
| Titlu | Kompożitur | | Titlu | Kompożitur |
| | | | | |
| Pastoral | A. Bliss | | Fanfarnetto (Tarantella) | R. Denwood |
| Song Without Words | E. German | | Aria "Nessun Dorma" I | G. Puccini |
| Lieberslied | F. Kreisler | | Cold Coffee | U. Nehls |
| Song 4 James | M. Pirotta | | Brimborium | U. Nehls |
| Schön Rosmarin | F. Kreisler | | Too Much Cucumber | U. Nehls |
| Sonata No. 5 | J. E. Galliard | | Eine Kleine Nachtmusik | W.A. Mozart |

| 05: Programm tat-Tnejn 3 ta' Diċembru 2007 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-Ewwel Parti | | | It-Tieni Parti | |
| Titlu | Kompożitur | | Titlu | Kompożitur |
| | | | | |
| Innu Studenti Universitarji | C. Pace | | Lili Marlene | N. Schultze |
| Maritat vom Mackie Messer | K. Weill | | Waltz from 'Swan Lake' | P.I. Tchaikovsky |
| Marriage of Figaro | W.A. Mozart | | Chansons de Moucharabieh | M. Pirotta |
| Sanctuary of the Heart | A.W. Ketèlbey | | The Sacred Hour | A.W. Ketèlbey |
| Flower Waltz | P.I. Tchaikovsky | | The Second Waltz | D. Shostakovich |
| Phantom of the Opera | A.L. Webber | | Nella Fantasia | E. Morricone |
| He's a Pirate | K. Badelt/ H. Zimmer | | March of the Toreadors | G. Bizet |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *Flawt 1* | Laura Cioffi | Azzopardi Kevin | Luke Cassar | | |
| *Kwartin* | Massimo Borg | Jessica Ellul | | | |
| *Klarinett* | Jonathan Debattista | Claire Ellul | Mark Cassar | | |
| *Sax Sopran* | Mark Anthony Sammut | | | | |
| *Sax Alto* | Daniel Spiteri | | | | |
| *Sax Tenur* | Frankie Pisani | | | | |
| *Kurunetta* | Thomas Cauchi | Eman Agius | | | |
| *Althorn* | Duncan Borg | Luke Pace | | | |
| *Ewfonju* | Farrugia Mauro | André Xuereb | | | |
| *Trumbun* | Borg Joseph | Patrick Ciantar | | | |
| *Vjolin 1* | David Ellul | Diane Chircop | Deborah Pace | Sonia Borg | Miguel Rosales |
| | Daniel Borg | Jeanine Dimech | Mathias Azzopardi | | |
| *Vjolin 2* | Joseph Mallia | Mark Gauci | Annabelle Muscat | Michelle Dalli | Abigail Azzopardi |
| | Claudia Galea | Stephanie Calleja | Meredith Farrugia | Diane Zammit | |
| *Vjola* | Baldacchino Maria | | | | |
| *Perkussjoni* | Luke Baldacchino | Steven Bartolo | Mechior Busuttil | | |
| *Vuċi* | Christine Barbara | Marvic Monreal | Roseann Cordina | Christabel Abdilla | Sarah Azzopardi |

*Mro. Manoel Pirotta hu lettur tal-mużika fi ħdan il-Junior College Music Department*

# Librarian's Choice

## RECOMMENDED READINGS FROM OUR SHELVES

### … Isms : Understanding Art by Stephen Little




This is an easy to use guide to a wide range of art 'isms'. From the isms of the Renaissance to the isms of the present day, it gives a practical introduction to all the significant isms that have shaped art history. For each ism, there is a definition, an introduction to the topic, lists of key artists, key words, and key works as well as suggestions of other isms that the reader might be interested in.

This book should be a must for everyone who is interested in art - whether they be Sunday afternoon visitors to galleries, art students or the more knowledgeable art connoisseur.

A new edition of the original bestselling title, Isms: Understanding Art now includes four brand new chapters covering Digitalism, Activism, Superflat and Internationalism.

**Find me at**: GEN N5300.L58 2018

### The Shakespeare Book edited by Rob Colson, Scarlett O'Hara, David John




This is the perfect study guide to the complete works of Shakespeare, covering everything from the romantic comedy of Romeo and Juliet to the tragedy Macbeth, alongside his Elizabethan history plays, sonnets, and other poems.

With detailed plot summaries and an in-depth analysis of the major characters and themes, this is a brilliant, innovative exploration of the entire canon of Shakespeare plays, sonnets and poetry, from the comedies of Twelfth Night and As You Like It to the tragedies of Julius Caesar and Hamlet, plus lost plays and lesser known works of poetry.

Packed with witty illustrations and memorable quotes, The Shakespeare Book brings the Bard's best-loved characters and storylines to life, and explores all of his key themes and much-quoted phrases. Easy-to-understand graphics and illustrated timelines also offer an at-a-glance summary of each play.

**Find me at** : GEN PR2895.S52

### The Hate U Give by Angie Thomas




Sixteen-year-old Starr lives in two worlds: the poor neighbourhood where she was born and raised and her posh high school in the suburbs. The uneasy balance between them is shattered when Starr is the only witness to the fatal shooting of her unarmed best friend, Khalil, by a police officer. Now what Starr says could destroy her community. It could also get her killed.

Inspired by the Black Lives Matter movement, this is a powerful and gripping YA novel about one girl's struggle for justice.

**Find me at** : FIC PS3620.H643 H3

**Silta mir-rumanz *Mas-Sbieħ id-Dlam* ta' Wayne Farrugia**

Iż-żmien beda jgerbeb ġmielu. Rose u Mario kienu ferħanin li għadhom joħorġu flimkien. Verament kienu maħluqin għal xulxin. L-imħabba bdiet dieħla qajla qajla f'qalbhom. Beda joktor il-bews f'ambjent romantiku li jfawwar qalb il-maħbubin bl-hena u l-amoruż ideali. B'espressjonijiet ta' bews u tgħanniq, dawn iż-żewġ għasafar riedu jimmanifestaw imħabbithom.

Biswit il-baħar kien il-post l-aktar għal qalbhom biex jirreċiprokaw din l-għożża. U malli x-xemx tibda tinħall fl-imrieżaq u s-sema jitlewwen f'roża-dehbi, maċ-ċafċifa kajmana ta' rimjet il-baħar, il-koppja tidħol fl-ogħna sliem, jinsew id-dinja ta' madwarhom u moħħhom ikun biss f'xulxin. Kienu jinxteħtu fuq ir-ramel max-xatt, Rose fi ħdan Mario, hu jmellsilha xagħarha waqt li jitfagħlha bewsa fuq ħaddejha.

"Xi ġmiel hawn Rose! Bik fi ħdani ninsa d-dinja! Għidli kif kont inkun mingħajrek, ħsiebi biss fik, lejl u nhar kemm inħobbok!"

Hekk kien itennilha mħabbtu lil Rose waqt li hi kienet pronta twieġbu:

"Imnalla sibt lilek qalb ta' qalbi, għax mogħni bl-isbaħ ġmiel. Int għalija fjura li tħammar u tħeġġeġ bħal ġamar f'ruħi."

U minn hemm kienu jintasbu għal tulhom fuq ir-ramel jitgħannqu. Hekk hi l-imħabba vera meta tkun ġejja mit-tnejn, imżejna bl-oħla kliem li jidwi minn fommhom. Il-ward kien donnu qed ixettel għal dawn it-tnejn. Moħħhom mehdi biss f'xulxin. Bħallikieku l-ebda xewk ma seta' jinbet bejniethom, mingħalihom kollox hu ward u żahar! Ħajjithom kienet saret bħal storja fil-ħrejjef, ideali bla difetti u mingħajr ġlied, iżda kemm jistgħu jdumu hekk? Kollox jibda miexi fuq ir-rubini għall-ewwel imma wara, kollox jindara u jibdew ifeġġu l-intoppi.

Id-direzzjoni ta' dawn it-tnejn kienet waħda li tħares bħaż-żiemel, lejn ħajja idillika b'ġibda ta' qalb sublimi. Moħħ u ruħ waħda bi stampa msawba f'hena bla qies. Mhux biss il-profondità tar-relazzjoni tgħodd imma wisq aktar il-bażi soda tagħha. Imħabba bla sies mhi xejn għajr kostruzzjoni finta fl-imħuħ. Ir-relazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ nafu kif bdiet iżda sa fejn ser twassal ma nafux. Dan il-ħsieb għadda minn moħħ Rose darba minnhom meta kienu qegħdin ħdejn il-baħar u qaltlu:

"Taf x'ġieli jiġini ħsieb Mar, jekk din l-imħabba tibqax l-istess sakemm nagħlqu għajnejna." Mario b'dan il-kliem kien iħoss bħal għoqda fi griżmejh, erba' kelmiet li jidħlu donnhom iniffdu qalb l-għażeb.

"Rose ma tafx li ninħabbu? Għalfejn tgħid hekk? Sa fejn naf jien l-ebda ħaġa mhu se tifridna minn xulxin. Il-mewt biss trid tifridna!"

Bi kliemu forsi kulħadd jgħid li jrid, iżda bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti. Il-ħalf irid ikun imsawwar fuq għeruq sodi u l-bniedem irid iwettaq dak li sostna. Rose bħal kull tfajla oħra ħasset l-istess sentiment ta' inċertezza fl-imħabba ta' bejniethom, ħsieb li għalkemm kien profond ma tantx dam jimraħ fil-kurituri ta' moħħha. Mal-ewwel tajret din l-emozzjoni negattiva waqt li kompliet miexja fil-passaġġ t'imħabbitha lejn Mario. Ħajjithom kienet saret qisha diska mżewġa bi kliem ħlejju b'ewfonija mużikali ta' ton li jfewwaħ bi sbuħitu. Tkattret is-serenità bejniethom fi dwett namrat.

Il-kelma mal-ewwel ġriet mar-raħal minn tarf s'ieħor, li Rose bint Pawlu kienet se titħallat ma' Mario l-mekkanik. In-nies pronti bdew itaqtqu, li tfajla ta' ċerta kariga għolja fl-istudji kellha titħallat ma' wieħed b'impjieg tal-ħabba gozz. Din il-mistoqsija bdiet tħuf minn persuna għal oħra sa ma waslet għand Maria u Pawlu, il-ġenituri ta' Rose. Sintendi, kienu ħaduha bi kbira li binthom kellha taħbi xi ħaġa bħal din għal tul ta' żmien. Kellhom isiru jafu propju min-nies. Għalihom din kienet inaċċettabbli u qablu li appena binthom tidħol id-dar, dakinhar kellhom ikellmuha bis-serjetà. Qatt ma ħbiet xejn minnhom. Wara kollox huma s-superjuri tagħha li jsuquha fit-triq it-tajba.

Malli waslet id-dar għall-ħabta tal-ħdax, ommha u missierha kienu qegħdin fis-salott bilqiegħda jistennewha: "Mela għadkom imqajmin? Mhux soltu ddumu hekk!"

Pawlu qalilha: "Possibbli għadek ma ntbaħtx għalfejn qgħadna nistennewk tasal? Kellna għalfejn insiru nafu min-nies l-ewwel? Agħtini spjegazzjoni u malajr!" Missierha kien donnu qed jitlef sabru għax qatt ma ra lil bintu mtajra b'dak il-mod.

"Iva Pa, aħfruli ma nerġax! Nista' nibda noħroġ ma' ġuvni tal-affari tiegħu jien?"

Maria, ommha tenniet: "Għalfejn domt m'għedtilna? X'kien fiha x'taħbi l-ħaġa? Sakemm żammejt subgħajk dritt mal-ġuvni li qed toħroġ miegħu, m'għandu jkun hemm xejn li jħammarlek wiċċek, le?"

"Bl-ebda mistħija nista' ngħid li dan il-maħbub tiegħi daħal f'qalbi u ħadd u xejn mhu se jifridni minn miegħu." "Binti taf x'ħobż jiekol? Ikun kapaċi jgħajjex lilek u lill-familja li għad tibnu flimkien?"

"Ma, dawn l-affarijiet diġà rajthom u bix-xogħol tiegħu ta' mekkanik ikun lest jidħol b'ruħu u b'ġismu għall-ħidma biex jgħin lill-familja. U Mario jħobbni daqs id-dawl t'għajnejh. Ma nsibx ieħor għajru żgur!"

Ommha pronta tennitilha: "Rose, jekk inhu hekk aħna ma nħassrulekx, jien u missierek, però ftakar li għalissa kollox sabiħ tibda tara imma wara li titilgħu fuq l-artal u jiġu t-tfal, ħajjitkom ta' miżżewġin tinbidel mil-lejl għan-nhar."

"Ara x'qaltlek ommok, għożżhom dawn l-erba' kelmiet tad-deheb, l-għażla issa f'idejk."

“Isma’ llejla ġejjin bid-dgħajsa intom, qiskom qed tgħadduni ġuri, lanqas li kont ħatja ta’ qtil jew atti kriminali oħra x’kull waħda! Intom żmienkom għamiltuh. Issa wasal żmieni u jien matura biżżejjed li nagħraf bejn dak li hu meħtieġ għalija jew ta’ dannu għal ħajti!”

“Binti taf li ġejt f’ħalq in-nies tar-raħal kulħadd jgħid bik qiegħed, nistħi nuri wiċċi ‘l barra qiegħda, flokok”. “Jien ma jimpurtax x’jgħidu n-nies, dawk ilsienhom jigdem daqs l-agħar lifgħa. Jimpurtani minni nnifsi u mill-bieb ‘il ġewwa biss. U issa m’għandix aptit aktar prietki, tiela’ norqod għax għada rrid inqum kmieni nistudja għall-eżami tal-ġimgħa d-dieħla.”

U baqgħet tiela’ fuq f’kamritha, wiċċha ‘l fuq, fuq is-sodda, taħseb fuq dak li ntqal bejnha u l-ġenituri tagħha. Ħasset bħal ġlieda ġo fiha, jekk għandhiex tibqa’ miexja kif inhi mingħajr ma tgħarbel l-affarijiet inkella tixtarr kull element li jista’ jfeġġ fir-relazzjoni.

“Forsi l-ġenituri, minkejja li ħassejthom iebsin miegħi, qaluli kelma ta’ ġid ukoll. Lil Mario nħobbu u rridu bis-serjetà, jeħtieġ li nibdew nidħlu għand xulxin. L-ewwel darba li niltaqa’ miegħu ngħidlu b’kollox, xejn xejn insir naf mill-qrib il-familja tiegħu.” Dan kien it-tir ta’ Rose, li jidħlu fil-fażi tal-għerusija: “Naħseb li ma jgħidx le Mario jekk ngħidlu hekk, wara kollox bis-serjetà qegħdin noħorġu!

Minn ħsieb għal ieħor, Rose ttaqqlet bl-għeja tan-ngħas u raqdet fil-fond sal-għada filgħodu. Mas-sbieħ bakkret tistudja n-noti li kitbet waqt il-lezzjonijiet tal-mediċina, għax skont hi filgħodu kmieni kien il-ħin ideali biex l-istudju jidħol fil-moħħ. Xegħlet il-kitla biex tagħmel it-te u ħejjiet il-kolazzjon, ħalli titrejjaq xi ftit. Libset bil-ħeffa u ħarġet ‘il barra f’kemm trodd salib bħal donnha xi waħda maħruba, bla ma qalet lil ħadd fejn sejra.

“Ma nafx x’qed jagħtiha lit-tifla dan l-aħħar, minn daqqa tkun issummata u minn oħra tkun waħda mgerfxa. Ara naqra qabdet u telqet u ma qaltilniex fejn sejra!”

“Ma nafx Mar xi ħaġa ġralha! Forsi għarblet dawk il-kelmtejn li għidnielha u qed taħseb b’iktar maturità.”

“Kellu bżonn timmatura ftit Pawl għax għadha ma tafx x’toffri sew il-ħajja miżżewġa!”

* * *




*Wayne Farrugia hu Library Assistant fil-Librerija tal-Junior College*

# Ix-Xjuħija

**Rachel Debattista**



Raġel: Rożi, Roż inti qomt?

Mara: Le għadni ma mortx!!

Raġel: Fejn ma kontx, mhux fis-sodda kont?

Mara: Le jaħasra issa qomt, mela ma tarax?

Raġel: X'għadu ma sebaħx, għodu saru l-ħdax!!

Mara: Kif jista jkun ġejjien it-tnax...le sitta ġejjien...

Raġel: Naf jaħasra li sar il-ħin, x'ħass ħażin tqabbadni x'waħda din

Mara: Ibqa fejn int u tiċċaqlaqx, għax jekk taqa ma nerfakx!

Raġel: Xi mnifaħ qeda tgħid, mela illum ġej-ja biċ-ċajt

Mara: Iva ibda ħabbat dak il-bajd, ..ara li titfa l-ġobon...

Raġel: X'ġħidtli, qed insabbat il-borom, mhux fit-taġen tridni naqli..?

Mara: Arani nieżla ħa nara x'inti taħli, mhux żewġ bajdiet għidtlek taqli!!!

Raġel: Issa Roż fhimtek sewwa, għax biex tkun taf mort minn widnejja u flok żewġ bajdiet qlejt tnax...
issa jaħasra iskot għax f'daqqa waħda qed inħossni ma niflaħx!!!!!!!

*Rachel Debattista is a Senior Assistant Librarian at the Health Sciences Library*



## The wind

**by Elisa Gauci**

Over the mountain valley
Does the fierce wind blow
Through the main roads and alleys
Of the village below
It forces trees down on their knees
And strips plants of every leaf and flower,
As it howls through the tall trees,
Boasting about its ample power.
Yet sometimes the wind goes hoarse
It leaves, making the small village wonder,
Why their friend should change his course,
And leave the village in a slumber.
But where he does go no one did discover;
If to visit a distant place,
Or to some clouds give chase.
What they did know was that one day,
Their friend the wind would return
To cause havoc and send things astray
And as always do so with no concern.